TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 236/11

**Angelo Polidano**

**vs**

**Mr. Clyde Farrugia Vella – Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mitejn u disgħa u tletin ewro (€239), rappreżentanti prezz ta' 'Hoover steam iron/station' li wara ftit ġimgħat kellha l-ħsara.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara 'Hoover steam iron/station' mingħand is-soċjeta' intimata u beda jkollha l-ħsara u ħadha għat-tiswija, u li baqgħet għandhom sal-lum.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub li qatt ma kellha difett u qatt ma kien hemm bżonn li tissewwa, u ssottometta li l-problema kienet fit-tindif tal-ħadida.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehrietx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa't-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi l-'Hoover steam iron/station' tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**